**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-it Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

**App. Nru. 264/2012 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jonathan Calleja**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Jonathan Calleja, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 279883 (M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula minnu b'risoluzzjoni waħda:

(1) ġewwa l-fond numru 65, Triq il-Vitorja, l-Isla, fis-27 ta' April 2007 għall-ħabta tas-6.00 p.m., ikkaġuna offizi ta' natura gravissima li jġibu jew x'aktarx iġibu debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem ta' ibnu Cleaven Busuttil, minuri ta' tliet (3) xhur;

(2) fl-istess żminijiet u ċirkostanzi, meta kien responsabbli tat-tifel tiegħu minuri ta' tliet (3) xhur, Cleaven Busuttil, b'atti persistenti ta' għemil ħaqar lit-tifel jew ġiegħel jew ippermetta l-moħqrija tat-tifel;

(3) meta kien fid-dmir li jieħu ħsieb il-wild minuri tiegħu, u cioe` Cleaven Busuttil, naqas li jagħmel dan;

(4) ikkometta diversi ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-wild Cleaven Busuttil ta' tliet (3) xhur;

(5) sar reċidiv skond l-artikoli 49 *et seq.* tal-Kodiċi Kriminali wara li nstab ħati b'sentenza definittiva tal-Qorti tal-Maġistrati tas-6 ta' Diċembru 2005 liema sentenza ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali fejn tipprojbixxi lill-imsemmi Jonathan Calleja milli javviċina lill-persuni u ir-residenza tagħhom, kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta` tal-persuni nvoluti u il-familja tagħhom u toħroġ ordni skont l-artikoli 382A *et seq.* tal-Kodiċi Kriminali.

**2.** Rat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali tad-19 ta' Jannar 2009 li permezz tagħha ddikjara li jidhirlu illi tista' tinsab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub:

(a) fl-artikoli 214 u 216(1)(a)(ii)(ii)(b)(d); 222(1)(a) b'applikazzjoni ta' l-artikolu 202(h); u 222(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 247 u 247A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) fl-artikolu 339(1)(j) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 49, 50 u 51 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(e) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-10 ta' Mejju 2012 fejn dik il-Qorti ma sabitx lill-istess Jonathan Calleja ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk illiberatu minn tali imputazzjonijiet;

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fid-29 ta' Mejju 2012 fejn talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-

reqqa l-provi kollha f'dan il-każ (u b'riżerva li jiġu prodotti provi oħra legalment ammissibbli f'dan il-każ) issib lill-imputat appellat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena kontra tiegħu skond il-liġi;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta' l-appellant Avukat Ġenerali huma s-segwenti:

> "Illi fis-17 ta' Mejju 2012 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha kif hawn fuq riferita, *inter alia* għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu, nonche` saħħet il-konklużjoni tagħha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell, *inter alia* ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> "F'dan il-kaz il-Qorti kkunsidrat li *'mill-provi prodotti ma jirrizulta xejn li tavalla t-tezi li l-imputat ghamel dawk il-feriti fuq ibnu volontarjament. L-akkuzi migjuba kontra l-imputat huma kollha ta' natura volontarja u mill-provi migbura jirrizulta li dan mhuwiex il-kaz. M'hemmx dubju li l-agir ta' l-imputat kien wiehed mhux idoneju u juri nuqqas ta' esperjenza fil-qasam tat-trobbija tat-tfal izda dan il-fatt ma jista' jwassal qatt ghal sejbien ta' htija skond l-akkuzi migjuba kontra tieghu.'*
>
> "Bid-dovut rispett, l-esponent umilment itenni li ma jaqbilx ma din il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ. Ir-raġunijiet għal tali dissens huma s-segwenti :
>
> 1. Illi huwa pacifiku li kif irriteniet il-Qorti tal-Magistrati (Malta), it-tarbija garrbet feriti li huma ta' natura gravi per durata. Illi d-difiza ukoll kienet qablet li l-feriti li garrbet it-tarbija huma feriti ta' natura gravi (Vide verbal a fol 150). Illi madanakollu kuntrarjament ghal dak li gie ritenut mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-esponent huwa tal-umli fehma li l-imputat appellat ghamel dawk il-feriti fuq ibnu volontarjament f'mument fejn it-tarbija kienet qeghda tibki u fejn l-appellant kien wahdu maghha u ma setax jikkontrollaha.
>
> 2. Illi qabel ma jsir ezami dettaljat tal-verzjonijiet moghtija mid-*dramatis personae* f'dan il-każ, huwa pertinenti li ssir riferenza ampja ghax-xhieda tat-tobba li xehdu dwar il-feriti li kienet sofriet it-tarbija:-
>
> (i) Illi xehdet **Dr. Marthese Sciortino** (a fol 130) li kienet ezaminat lit-tarbija gewwa l-klinika privata taghha u kienet irreferietha ghas-sezzjoni tal-Emergenza gewwa l-Isptar u dan ghaliex it-tarbija ma setghetx iccaqlaq wahda minn idejha.

(ii) Illi xehed **Dr. Joseph Mizzi M.D.** (a fol 142) li ezamina lit-tarbija gewwa l-Isptar u li kien hareg rapport mediku (ezebit a fol 40). Illi mix-xhieda tal-istess tabib jirrizulta li t-tarbija kellha diversi griehi. Ix-xhud jghid li t-tarbija kellha :-

a. *' tbengila hdejn l-ghajn tax-xellug';*

b. *' tbengila ohra fuq in-naha tax-xellug ta' sidru' ;*

c. *' tbengila fil-widna tax-xellug'* u

d. '*Hadt x-ray ta' dirajgh u kien hemm transverse fracture tal-humerus. Jigifieri kien hemm ksur fin-nofs tal-ghadma tax-xellug tad-driegh.'*

It-tabib jikkonferma wkoll li saru t-testijiet sabiex jaraw jekk it-tbengil setax irrizulta spontanjament izda dawn it-testijiet ma urewx li kien hemm xi haga fid-demm li setghet ikkagunat it-tbengil b'mod spontanju. Illi meta mistoqsi mill-Qorti dawn il-feriti li garrbet it-tarbija, fil-fehma tieghu ma xiex kienu kompatibbli, Dr. Mizzi jghid li ***'F'mohhi ma ghandix dubju li ksur f'tarbija ta' tliet xhur u tbengil jirrizultaw minn vjolenza fuq il-persuna tat-tarbija.'***

(iii) Illi xehed ukoll **Dr. Mario Scerri M.D.** (a fol 146) li kien nominat mill-Magistrat Inkwerenti sabiex jezamina u jaghmel il-konstatazzjonijiet forensici relevanti u jirrelata dwar il-griehi li garrab Cleaven Busuttil li gie ammess l-Isptar San Luqa nhar it-28 t'April 2007. Illi mir-relazzjoni ta' Dr. Scerri (esebita in atti bhala parti mill-*proces verbal)* jirrizulta wkoll li t-tarbija sofriet dawn il-griehi :-

a. *'dbengila .. madwar l-ghajn ix-xellugija kienet friska u kompatibbli ma' blunt trauma.';*

b. *'dbengila .. fuq il-widna x-xellugija kienet friska u kompatibbli ma' blunt trauma.' ;*

c. *'dbengila .. fuq in-naha tax-xellug tal-wicc kienet ilha li saret madwar gimgha mid-data tal-ezami medikolegali';*

d. *'dbengila .. fuq l-aspett anterjuri tan-naha tax-xellug tas-sider kienet ilha li saret madwar gimgha mid-data tal-ezami medikolegali';*

e. *'frattura .. fil-humerus hija* ***non-accidental injury*** *u hija lezjoni friska'.*

Illi Dr. Scerri fir-relazzjoni tieghu jikkonkludi li d-dbengil differenti li ghandhom ***different stages of healing*** jindikaw illi dawn ma sarux f'incident wiehed. Fix-xhieda tieghu (a fol 147) ikompli jispjega li t-tarbija mhux darba kellha *blunt* trauma izda kellha tbengil li huwa frisk, ta' gurnata qabel u kellha tbengil li sar gimgha qabel ukoll. Huwa jikkonkludi wkoll illi l-frattura tal-*humerus* hija klassifikata bhala wahda gravi *per durata.*

(iv) Illi xehed ukoll **Dr. Raymond Parascandalo** (a fol 92) li kien il-konsulent *on call* fit-28 t'April 2007 u li kien ta l-istruzzjonijiet dwar dak li kellu jsir.

"Illi l-esponent huwa tal-umli fehma li din ir-referenza ampja ghax-xhieda tat-tobba hija indispensabbli sabiex wiehed japprezza in-natura u l-gravita` tal-griehi sofferti mit-tarbija u sabiex wiehed janalizza jekk il-verzjoni li ta l-imputat appellant hijiex wahda verosimili fid-dawl tal-griehi sofferti.

3. Illi f'dan l-istadju l-esponent jaghmel referenza ghax-xhieda ta' **Isabelle Busuttil**, li tigi omm it-tarbija li taghmel referenza ghal zewg incidenti :-

(a) Illi fix-xhieda taghha (a fol 46), hija tistqarr li fil-granet ta' qabel ma marret ghand it-tabiba, binha *'kellu qisu marki naqra vjola ... fuq sidru'*. Tghid li hija kienet qalet lill-imputat appellat sabiex ma joqghodx jaqbdu bil-goff lit-tifel ghax jimmarka.

(b) Meta mistoqsija imbaghad ghaliex kienet marret ghand it-tabiba taghha, ix-xhud tghid li l-gurnata ta' qabel, filghaxija kienet ratlu ghajnejh hamra u ghall-ewwel kienet hasbitha gidma ta' nemusa izda tghid li mal-hin bdiet izzid il-hmura. Hija tghid ukoll li l-ghada filghodu ma kienx qed icaqlaq idu t-tifel u ghalhekk haditu ghand it-tabiba li baghtitha l-Isptar fejn irrizulta li kellu idu miksura. Ix-xhud tispjega li dak inhar filghodu kien hemm biss hi u l-imputat appellat u li l-gurnata ta' qabel filghaxija hija kienet harget biex tiehu d-DVDs u halliet lill-imputat appellat mat-tifel u qaltlu biex ma jmissux u dan nonostante l-fatt li kien qed jibki. Hija tghid li damet biss xi ghoxrin minuta jew nofs siegha barra mid-dar u meta rritornat sabet lit-tifel ghadu jibki. Hija tghid li kienet staqsiet lill-imputat appellat jekk huwa kienx mess lit-tarbija jew caqalqu izda tghid li huwa kien innega. Tispjega li l-ghada filghodu ndunat li ma kienx qed icaqlaq idu u haditu ghand it-tabiba.

(c) Ix-xhud fuq domanda tal-prosekuzzjoni (a fol 51) tikkonferma li prattikament kien hemm zewg incidenti, wahda tat-tbengil fuq sidru u l-ohra tal-ksur tal-id.

4. Illi xehdet ukoll **Tania Busuttil** (a fol 164) li tigi oht omm it-tarbija, Isabella Busuttil. Hija tispjega li hija kienet marret l-isptar ma' ohtha meta hadet it-tarbija. Tistqarr li meta marru l-isptar kienu qalulhom li t-tarbija ghandha xi ksur. Hija tghid ukoll *'insomma ohti qabel .. qisu kellha xi suspetti li forsi t-tifel seta' kien imsawwat jew xi haga ghax kellu xi tbengil'*. Fuq domanda tal-prosekuzzjoni, hija tkompli tghid fir-rigward ta' ohtha li *'matul il-gimgha ta' qabel kienet qaltli li nnutatlu xi tbengil imma hi qaltli forsi ghax refghu u ragel forsi naqra idejh goffi hekk u qisha giet f'dubju. Imma imbaghad meta regghat ratlu tbengila fuq ghajnejh, qisha bdiet tibza. Jiena ghidtilha forsi laqatha bit-toys imma imbaghad meta morna l-isptar qalilna li dik mhix girfa ta' toy imma hija tbengila.'*

5. Illi l-**imputat appellat** irrilaxxa zewg stqarrijiet (ezebiti a fol 44 u 157) :-

(a) Illi fl-ewwel stqarrija tieghu (a fol 157) huwa jistqarr li f'dik il-gurnata partikolari, ghal xil-hamsa u nofs, Isabelle kienet marret ghand tad-DVD's u qabel ma harget it-tifel kien qed jibki, izda hija kienet qaltlu biex ma jaghtix kasu u jerhilu fis-sodda. Meta mistoqsi x'kien gara huwa stqarr *'Lghabt bil-computer, izda imbaghad dejjaqni jibki u jeqred u ghalhekk, biex forsi jieqaf ghax dejjaqni, jiena qomt minn fejn kont u mort hdejn it-tarbija ... Mort hdejh, qbadtu minn taht ghabtu u qghat nghollieh sabiex forsi jieqaf ghax dejjaqni jeqred il-hin kollu u jibki'* , *'nghollieh fl-arja forsi jieqaf, biex inferrhu naqra forsi, izda ma tantx ferrahtu nahseb'*, *'nghollih, nitilqu fl-arja u nerga' naqbdu'*. Huwa jghid ukoll '*ghamilt forsi hames minuti naghmillu hekk'*. L-imputat appellat ikompli jistqarr li f'hin minnhom kienet ser tizloqlu t-tarbija u hatafha minn idha tax-xellug biex ma taqax mal-art. Huwa jghid li peress li Isabelle kienet qaltlu biex ma jmissx lit-tifel, huwa rega' tefghu jigri lura fuq is-sodda taghha sabiex hija ma tindunax li qaghad jghollieh. Meta mistoqsi jekk lit-tifel huwa bediex jaqbdu, jghollieh 'il fuq u jerga' jaqbdu lura

f'idu b'mod goff, huwa jikkonferma li beda jaghmel dan b'mod goff *'ghax goff jien, jew ghax selvagg jien minni. Imbaghad x'hin kien ser jizloqli qbadtu bis-sahha, sabiex ma nhalliehx jaqa' mal-art. Jien nervuz u erfajtu ghax qabbizieli, dejjaqni jeqred.'* Fir-rigward tal-griehi l-ohra li ghandu t-tifel huwa jistqarr li ta' sidru hemm kienet u li ta' taht ghajnejh jahseb li laqtu x'imkien x'hin kien ser jaqghalu mal-art. Fir-rigward tat-tbengila tal-widnejn jghid li ma jafx biha. Meta mistoqsi jekk kull meta refghu hargulux tbengil lit-tifel, huwa jghid li *'mhux dejjem izda diversi drabi hargulu t-tbengil wara li erfajtu jiena ... Gie li kont xi daqsxejn selvagg mieghu t-tifel, kif immissu jiena jimmarka'*. Huwa jghid ukoll li *'jien gieli ghafastu bin-nervi u nghidlu oqghod kwiet !'*

(b) Illi fit-tieni stqarrija tieghu (a fol 44), l-imputat appellat jghid ukoll *'Li kieku mess mal-art minn dak l-gholi li ghollejtu kien imut. Jiena ghollejtu aktar mill-gholi tieghi. Ma setax waqa' fuq idejh ghax idejh ilma ghax ghadu zghir.'*

(c) Illi l-imputat ghazel li jixhed *viva voce* fil-Qorti, fejn spjega li dakinhar lit-tifel kien refghu minn taht idu, li qaghad jilghab mieghu biex jieqaf jibki u li hin minnhom kien ser jizloqlu u hatfu bil-hasda biex ma jaqax fl-art u jahseb li qalaghlu idejh minn postha.

"Illi fl-umli fehma tal-esponent, meta wieħed janalizza fid-dettall il-provi miġbura f'dan il-każ isib li l-elementi legali rikjesti sabiex wiehed jinstab hati ta' reati ta' natura volontarja jissussistu f'dan il-kaz u kellhom iwasslu sabiex tinstab ħtija fl-akkużat. Illi l-verzjoni moghtija mill-imputat appellat u l-aġir tiehu f'dan il-każ qajla jħalli xaqq ta' dawl għat-teżi tal-imputat appellat u tavalla kompletament it-tezi tal-prosekuzzjoni f'dan il-każ li l-imputat appellat ghamel dawk il-feriti fuq ibnu volontarjament f'mument fejn it-tarbija kienet qeghda tibki u fejn l-appellant kien wahdu maghha u ma setax jikkontrollaha.

"Illi l-esponent huwa tal-umli fehma li l-hsara evidenzjata fuq gisem u sahhet it-tarbija ma tistax tkun rizultat ta' azzjoni involontarja, anzi dan huwa eskluz f'dan il-kaz mir-relazzjonijiet xjentifici prodotti mit-tobba. Illi Dr. Mizzi meta mistoqsi mill-Qorti l-feriti li garrbet it-tarbija ma xiex kienu kompatibbli jghid li ***'F'mohhi ma ghandix dubju li ksur f'tarbija ta' tliet xhur u tbengil jirrizultaw minn vjolenza fuq il-persuna tat-tarbija.'*** Illi *inoltre*, mir-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri jirrizulta li t-tarbija kellha diversi griehi li huma manifestati fit-tbengil f'diversi partijiet ta' gisimha u li kienu qeghdin f'*different stages of healing*. Illi dawn evidentement huma rizultat ta' azzjonijiet li saru fi granet differenti pero` li kienu vicin id-data tal-imputazzjoni. Illi dan juri bic-car li l-griehi li sofriet it-tarbija ma kinux rizultat ta' azzjonijiet li saru fil-gurnata wahda li jaghmel referenza ghaliha l-imputat appellat ta' meta huwa jghid li qaghad jgholli t-tarbija. Illi apparti minn hekk hemm il-frattura tal-humerus li hija klassifikata b'mod car bhala ***non-accidental injury*** minn Dr. Mario Scerri. Dan ifisser li dik il-gerha partikolari tista' tkun kawzata biss b'mod li mhuwiex accidentali. Il-manuvra allegata mill-appellant li jgholli lit-tarbija u jzommha 'il fuq minn rasu fil-mument meta skond hu kienet ser tizloq u tibqa' niezla, tali verzjoni jekk emmnuta verament twassal ghall-element ta' negligenza qawwija jekk mhux ukoll grossolana izda r-rizultati medici jimmilitaw bil-qawwa kontra din it-tezi minhabba li tali frattura kienet *non-accidental* u allura mhux

kompatibbli mal-manuvra deskritta minn l-imputat appellat. Huwa evidenti ghalhekk li frattura fil-humerus tista' ssir b'azzjoni volontarja u mhux b'azzjoni involontarja fuq gisem it-tarbija.

"Illi fl-umli fehma tal-esponent dan ifisser li l-imputat appellat kellu jinstab hati wkoll tal-akkuzi li jikkoncernaw moghdrija u traskuragni tat-tarbija u dan ghaliex b'atti persistenti ta' ghemilu l-imputat appellat haqar lit-tifel jew gieghel jew ippermetta l-mohqrija tat-tifel. Illi ai termini tal-Artikolu 247A(2), mohqrija tinkludi n-nuqqas ta' protezzjoni adegwata biex t-tarbija ma tigrilix hsara. Illi fil-kaz in ezami, l-esponent huwa tal-fehma li l-imputat appellat wegga' lil ibnu volontarjament u li ghaldaqstant huwa naqas li jipprovdilu protezzjoni adegwata. Illi *inoltre*, l-esponent huwa wkoll tal-fehma li l-imputat kellu jigi misjub hati talli meta kien fid-dmir tieghu li jiehu hsieb lill-wild minuri, Cleaven Busuttil, naqas li jaghmel dan. Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni, jirrizulta li l-imputat appellat naqas milli jiehu hsieb lil ibnu kif mehtieg, meta dan kien fid-dmir tieghu.

"Illi ghaldaqstant meta wieħed jaghrbel il-provi imresqa f'dan il-każ, jsib li fil-każ in ezami, legalment u raġonevolment l-imputat appellat kellu jiġi misjub ħati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u dan ghaliex dawn l-istess akkuzi gew pruvati oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

**6.** L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** Issa, fost il-provi tal-prosekuzzjoni hemm l-istqarrija tat-28 ta' April 2007 ta' l-appellant. Wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg vs Malta** tat-12 ta' Jannar 2016, il-Qorti Kostituzzjonali kellha diversi okkażjonijiet biex tikkunsidra mill-ġdid il-kwistjoni ta' stqarrija meħuda mill-Pulizija mingħajr assistenza legali. Hekk, fis-sentenza tagħha **Carmel Saliba vs l-Avukat Ġenerali** mogħtija fis-16 ta' Mejju 2016, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

"17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' <u>Charles Stephen Muscat</u> u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' <u>Borg v. Malta</u> mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.

“18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta’ Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta’ buon sens.

“19. Is-sentenza ta’ Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta’ Dimech[1] fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.

“20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta’ għajnuna ta’ avukat ma kienx nuqqas li ma jista’ jkollu ebda konsegwenza ta’ preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.

“21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta’ dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta’ **Dimech** il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista’ jkun malajr.

“22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa’ dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess....”

**9.** Jiġifieri, għalkemm fil-każ ta’ **Borg vs Malta** il-proċeduri kriminali kienu ġew definittivament terminati, fil-każ ta’ **Saliba**, fejn il-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll ikkonkludiet li l-istqarrija kellha tiġi sfilzata.

**10.** Fil-każ in eżami, waħda mill-provi prinċipali tal-prosekuzzjoni hija l-istqarrija rilaxxjata mill-appellat Calleja fit-28 ta’ April 2007 meta allura l-liġi kienet b’mod skematiku tivvjeta l-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni. Minn qari ta’ l-istess stqarrija jirrizulta illi l-appellat Calleja għamel dikjarazzjonijiet li jistgħu jkunu inkriminatorji mingħajr ma kiseb preventivament il-parir legali u dan għaliex kif ingħad dan il-jedd ma kienx jeżisti fil-liġi viġenti f’dak iż-żmien. Għalhekk, fid-

[1] Q.E.D.B. 2 ta’ April 2015, rik 34373/13.

dawl ta' dak deċiż f'**Carmel Saliba vs l-Avukat Ġenerali**,[2] l-istqarrija ta' l-appellat qed tiġi skartata.

**11.** Minn eżami tal-provi l-oħra kollha u li l-Avukat Ġenerali jibbaża l-appell tiegħu fuqhom, huwa ċar illi l-offiżi li ġarrab il-minuri Cleaven Busuttil ġraw meta kien fil-kustodja ta' l-appellat li jgħid fix-xiehda tiegħu li kien qiegħed jipprova jwaqqfu milli jibki billi jerfgħu u ħin minnhom kien ħa jiżloqlu u ħatfu bil-ħasda biex ma jaqax fl-art. Aktar milli sempliċement jerfgħu, huwa evidenti li beda jgħolli lit-tifel u, kif jgħid in kontro-eżami, "qisu mar lura, ħarabli u mort naħtfu". B'riżultat ta' dan, il-minuri ġarrab numru ta' offiżi. Isabelle Busuttil, omm it-tarbija, li dak il-ħin ma kinitx preżenti, tgħid li l-appellat kien jaqbdu bil-goff lit-tifel u kienet twissieh biex joqgħod attent. Fl-okkażjoni tas-27 ta' April 2007 ma kienx attent biżżejjed. Isabelle Busuttil tgħid illi dakinhar hija ħalliet lit-tifel (li kien qiegħed jibki) ma' l-appellat sakemm marret tirritorna xi DVDs u qabel ma ħarġet qalet lill-appellat biex jekk it-tifel jibki ma jmissux. Din il-Qorti, wara li eżminat il-provi kollha u senjatament ix-xiehda tat-tobba, hi tal-fehma illi l-offiżi li ġarrab il-minuri fis-27 ta' April 2007 kienu konsegwenza ta' nuqqas ta' *handling* tajjeb mill-appellat. Bħall-ewwel Qorti temmen illi ma twettqux b'mod volontarju. Għalhekk l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi:

> "mill-provi prodotti ma jirrizulta xejn li tavalla t-tezi li l-imputat ghamel dawk il-feriti fuq ibnu volontarjament. L-akkuzi migjuba kontra l-imputat huma kollha ta' natura volontarja u mill-provi migbura jirrizulta li dan mhuwiex il-kaz. M'hemmx dubju li l-agir ta' l-imputat kien wiehed mhux idoneju u juri nuqqas ta' esperjenza fil-qasam tat-trobbija tat-tfal izda dan il-fatt ma jista' jwassal qatt ghal sejbien ta' htija skond l-akkuzi migjuba kontra tieghu."

**12.** Fejn ma taqbilx huwa dan. Għalkemm huwa minnu illi l-appellat ma setax jinstab ħati tal-volontarju kif akkużat, ma jfissirx li ma setax jinstab ħati ta' l-involontarju. Difatti hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-offiżi saru b'riżultat tan-nuqqas ta' ħsieb fil-mod kif l-appellat iħħendilja lit-tifel.

**13.** Kwantu għall-piena, din il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li jidher li l-appellat għandu kuntatt regolari ma' ibnu l-munri Cleaven Busuttil.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata u , filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ma sabitux ħati u lliberatu mill-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu, issibu ħati talli ġewwa l-fond numru 65, Triq il-Vitorja, l-Isla, fis-27 ta' April 2007 għall-ħabta tas-6.00 p.m., b'nuqqas ta' ħsieb, ikkaġuna

[2] Ara wkoll **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et**, Qorti Kostituzzjonali, 24 ta' Ġunju 2016.

(1) offiża ta’ natura gravi (2) offiżi ta’ natura ħafifa, fuq Cleaven Busuttil, minuri ta’ tliet xhur, u, wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(b)(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien tmintax-il xahar millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
D/Reg